



Brussell, 21 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

10505/22

AUDIO 58	DISINFO 57
HYBRID 65	EUAM UKRAINE 27
JAI 928	JAIEX 72
FREMP 139	POLGEN 92
CATS 43	JUSTCIV 91
ASIM 57	COHOM 65
PROCIV 87	DIGIT 125
AG 72	EJN 25
BY 5	EUROJUST 78
RELEX 856	COPEN 251
COEST 475	DATAPROTECT 199
CULT 66	CYBER 233
SOC 392	GENDER 116
VISA 111	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħarsien u s-sikurezza tal-ġurnalisti u professjonisti oħrajn tal-media

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill “Affarijiet Ġenerali” fil-laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Ġunju 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħarsien u s-sikurezza tal-ġurnalisti u professjonisti oħrajn tal-media**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA****JINNOTA LI:**

1. Id-demokrazija hija msejsa fuq l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni u l-libertà tal-informazzjoni, kemm offline kif ukoll online. Dan huwa l-qofol tal-professjoni tal-ġurnaliżmu u miegħu jrid ikun hemm ambjent li jkun jista' jipprovdi ħarsien u sikurezza lill-ġurnalisti u l-professjonisti tal-media.
2. Illum, ħafna ġurnalisti u professjonisti oħrajn tal-media ma jistgħux jaħdmu b'mod ħieles u indipendenti kullimkien kif suppost. L-ostakli għal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-informazzjoni kif ukoll l-attakki fuqhom qed jiżdiedu fl-Ewropa u fi bnadi oħra fid-dinja¹. In-nuqqas ta' sikurezza li jħabbtu wiċċhom miegħu jkun saħansitra akbar f'kunflitti armati. Filwaqt li huma sors ta' informazzjoni imparzjali, essenzjali għall-istabbiliment tal-fatti u għall-fehim ta' kunflitt, huma esposti b'mod speċjali u jistgħu jisfaw fil-mira huma stess, kif turi l-aggressjoni militari Russa li qed titwettagħ bħalissa kontra l-Ukrajna².

¹ Fir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU A/C.3/L.49/Rev1 "The safety of journalists and the issue of impunity" (Is-sikurezza tal-ġurnalisti u l-kwistjoni tal-impunità), ġie espress tħassib profond dwar iż-żieda fl-għadd ta' ġurnalisti u ħaddiema fil-media li nqatlu, ġew ittorturati, ġew arrestati, ġew detenuti, ngħataw fastidju u ġew intimidati madwar id-dinja f'dawn l-aħħar snin bħala riżultat dirett tal-professjoni tagħhom: <https://documents-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/LTD/N21/329/42/PDF/N2132942.pdf?OpenElement>

² Kif deskritt fil-[Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti](https://fom.coe.int/en/pays/detail/11709594) (<https://fom.coe.int/en/pays/detail/11709594>). Ara wkoll ir-Rapport Annwali tal-2022 mill-organizzazzjonijiet sħab tal-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Promozzjoni tal-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti, "Defending Press Freedom in Times of Tension and Conflict" (Niddefendu l-Libertà tal-Istampa fi Żminijiet ta' Tensjoni u Kunflitt) (<https://rm.coe.int/platform-protection-of-journalists-annual-report-2022/1680a64fe1>).

3. Il-ġurnalisti u professjonisti oħrajn tal-media jħabbtu wiċċhom ma' ħafna theddid u jiġu kkonfrontati b'atti ta' stigmatizzazzjoni, intimidazzjoni, sorveljanza illegali u vjolenza fil-forma ta' ħsara fiżika u psikoloġika, jew saħansitra qtil, prosekuzzjoni malizzjuża, pressjoni ekonomika żejda, u ħsara għar-reputazzjoni tagħhom. Din il-vjolenza sseħħ ukoll online, fil-forma ta' insulti, inċitament għall-mibegħda, fastidju u theddid ta' qtil.
4. Is-sitwazzjoni tal-ġurnalisti nisa hija partikolarment inkwetanti³: huma esposti għal riskji addizzjonali, kemm fl-għadd kif ukoll fit-tip. Tali vjolenza abbażi tal-ġeneru għandha ħafna forum, fosthom il-fastidju online, theddid ta' stupru u qtil, u inċitament għall-mibegħda. Ġurnalisti li jagħmlu parti minn minoranzi jew gruppi soċjalment emarġinati ukoll jiġu affettwati b'mod sproporzjonat minn theddid bħal dan⁴.
5. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-ġurnalisti u professjonisti oħrajn tal-media qed issir ukoll dejjem aktar prekarja. In-nuqqas ta' sigurtà finanzjarja u ekonomika ta' ħafna kumpanniji tal-media, li tidher fl-għeluq ta' bosta minnhom, tagħmel lill-professjonisti tal-media aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, l-imperattiv tal-effiċjenza jew tal-profittabbiltà, partikolarment fil-każ tal-media privata, xi drabi jista' jaggrava l-kundizzjonijiet u l-kwalità tax-xogħol tal-ġurnalisti. It-trasformazzjoni diġitali u l-espansjoni tal-atturi globali u n-networks soċjali li qed jikkompetu mal-kumpanniji tal-media fis-suq tar-reklamar online⁵, flimkien mal-konsegwenzi tal-pandemija⁶, li matulha l-kumpanniji tal-media esperjenzaw telf ta' dħul li sebaq it-tnaqqis fid-dħul nazzjonali, wasslu għal deterjorament tan-nuqqas ta' sigurtà ekonomika tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra tal-media.

³ Ara pereżempju r-Rapport tal-Ġhodka għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media, 2021; Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), Violence against women: an EU-wide survey, 2014; FRA, Kriminalità, sikurezza u drittijiet tal-vittmi, 2021; Rapport Annwali mill-organizzazzjonijiet sħab tal-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Promozzjoni tal-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti, 2021; UNESCO, Online violence against women journalists: a global snapshot of incidence and impacts, 2020; UNESCO, The Chilling global trends in online violence against women journalists, 2021; OSKE, Resource Guide on the Safety of Female Journalists Online, 2020; Rapport tal-OSKE "Violence against women journalists and politicians: a growing crisis", 2021.

⁴ IPI, Newsroom Best Practices for Addressing Online Violence against Journalists

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika, Diċembru 2020.

⁶ Roberta Carlini u Konrad Bleyer-Simon: *Media economy in the pandemic: a European perspective*; Rapport Tekniku; Ċentru għall-Pluraliżmu tal-Media u l-Libertà tal-Media (CMPF), 2021/01.

6. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal Direttiva dwar kawżi strateġiċi kontra l-parteeipazzjoni pubblika (SLAPPs)⁷, li tissuġġerixxi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-introduzzjoni ta' salvagwardji proċedurali kontra l-ftuħ ta' tali kawżi, u magħha Rakkomandazzjoni⁸ li tagħti gwida lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet bħal dawn.
7. L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea ġew mistiedna⁹ jimplimentaw Strateġija Ewropea għall-Ekosistema tal-Industriji Kulturali u Kreattivi sabiex, fost oħrajn, jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-finanzjament disponibbli għall-kumpanniji tal-media billi jgħaqqdu l-gwida dwar il-finanzjament CultureEU u l-għodda interattiva tal-immappjar għall-media awdjoviżiva u tal-aħbarijiet, sabiex il-professjonisti u l-kumpanniji tal-media tal-aħbarijiet ikollhom portal diġitali multilingwi waħdieni li jelenka d-diversi opportunitajiet potenzjali ta' finanzjament disponibbli għalihom.
8. Il-Kummissjoni Ewropea ser tkompli bl-appoġġ tagħha fl-2022 għall-Mekkaniżmu ta' Rispons Rapidu għall-Ksur tal-Libertà tal-Istampa u tal-Media bħala parti mill-Programm Ewropa Kreattiva, li jippermetti appoġġ, fost oħrajn, għal kollaborazzjonijiet transkonfinali fil-media, inkluż ġurnaliżmu indipendenti u investigattiv, fil-forma ta' għotjiet tas-Sħubija għall-Ġurnaliżmu¹⁰.

⁷ 8529/22 - COM(2022) 177 final.

⁸ C(2022) 2428 final.

⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bini ta' Strateġija Ewropea għall-Ekosistema tal-Industriji Kulturali u Kreattivi, 4 ta' April 2022 (2022/C 160/06).

¹⁰ Programm ta' ħidma annwali 2022 għall-implimentazzjoni tal-programm Ewropa Kreattiva, <https://culture.ec.europa.eu/document/2022-annual-work-programme-creative-europe-programme>

JILQA' L-FATT LI:

9. Fis-16 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat Rakkomandazzjoni dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea, li tikkostitwixxi gwida importanti għall-Istati Membri. Il-Kummissjoni Ewropea ħabbet l-intenzjoni tagħha li tippubblika studju dwar, fost oħrajn, l-indikaturi użati għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tagħha, li jistgħu jindirizzaw is-sikurezza online u b'mod partikolari l-appoġġ għall-ġurnalisti nisa u dawk li jaġhmlu parti minn minoranzi.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

10. Thegħgeġ, fil-qafas tal-Forum Ewropew tal-Media tal-Aħbarijiet eżistenti, l-organizzazzjoni fuq bażi regolari ta' diskussjonijiet u skambji tal-aħjar prattiki dwar il-protezzjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti u professjonisti oħra fil-media, li jiffaċilitaw id-djalogu mal-partijiet ikkonċernati dwar l-iżviluppi rilevanti.
11. Tkompli tevalwa l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji eżistenti għall-appoġġ tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media, bil-ħsieb li jsiru aktar estensivi u fit-tul.
12. Issaħħaħ il-finanzjament għal ġurnaliżmu indipendenti u investigattiv¹¹, li jagħti kontribut kruċjali għall-ħajja pubblika u demokratika, filwaqt li tibni fost oħrajn fuq l-Inizjattiva Aħbarijiet¹² u tuża, pereżempju, InvestEU.
13. Tqis is-sikurezza u l-libertà tal-espressjoni online għall-ġurnalisti u professjonisti oħra tal-media fl-inizjattivi rilevanti kollha li jirriżultaw mill-istrategġija diġitali tal-UE.

¹¹ Il-ġurnaliżmu huwa ggwidat minn prinċipji etiċi, bħall-verità, mezzi xierqa ta' verifika u prova, u l-imparzjalità fil-preżentazzjoni, id-deskrizzjoni u n-narrazzjoni, kif enfasizzat fir-Riżoluzzjoni 1003 (1993) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-etika tal-ġurnaliżmu, u r-Riżoluzzjoni 2066 (2015) dwar ir-responsabbiltà tal-media u l-etika f'ambjent tal-media li qed jinbidel, u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2022)4 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-promozzjoni ta' ambjent favorevoli għal ġurnaliżmu ta' kwalità fl-era diġitali

¹² <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/news-initiative>

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, SKONT IL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM U F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:

14. Jinkoraġġixxu t-tagħlim tul il-hajja¹³ dwar il-ħarsien tal-ġurnalisti u l-professjonisti tal-media għall-partijiet ikkonċernati kollha, bħal dawk li jmxuxu l-kmamar tal-aħbarijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-imħallfin u awtoritajiet oħra involuti fis-sikurezza diġitali.
15. Jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' inizzjattivi ta' litteriżmu fil-media u fl-informazzjoni mmirati lejn is-sensibilizzazzjoni dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti u professjonisti oħra fil-media¹⁴.
16. Jippromwovu s-sikurezza online u t-tisħiħ tal-pożizzjoni diġitali tal-ġurnalisti u professjonisti oħrajn tal-media, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġurnalisti nisa, dawk li jagħmlu parti minn minoranzi jew gruppi soċjalment emarġinati, pereżempju billi jrawmu l-ħolqien ta' gruppi ta' esperti ddedikati li jistgħu jiġbru informazzjoni u jikkondividu prattiki tajbin dwar kif jiġu indirizzati l-attakki u t-theddid online, li jistgħu jlaqqgħu flimkien rappreżentanti tal-media u regolaturi fil-livell tal-UE jew tal-Istati Membri, uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u uffiċjali taċ-ċibersigurtà.
17. Ihegħgu kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-pjattaformi online u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom għarfien espert partikolari fir-rigward tal-ġlieda kontra attakki, theddid u fastidju kkoordinati online, is-sorveljanza online jew inċitament għall-mibegħda kontra ġurnalisti u professjonisti oħra tal-media, bil-ħsieb li dan it-theddid jinftehem aħjar, jingħata rispons aħjar u jiġu adattati l-prattiki tal-pjattaformi kif xieraq. Dan jista' jsir, pereżempju, permezz ta' dialogi regolari li jistgħu jinkludu l-awtoritajiet pubbliċi.

¹³ Kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus+: il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażaġħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1).

¹⁴ Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2016)4 dwar il-ħarsien tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti u atturi oħrajn tal-media.

18. Jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' proġetti u inizjattivi għall-protezzjoni ta' ġurnalisti nisa u dawk li jagħmlu parti minn minoranzi, u b'mod partikolari dawk li jippermettu li jsir titjib fir-rigward tat-trasparenza u l-informazzjoni dwar l-attakki u d-diskriminazzjoni kontrihom, u dawk li jippromwovu l-ugwaljanza u l-inklużjoni fl-industrija tal-media u fil-kmamar tal-aħbarijiet, kif ukoll inizjattivi li jqajmu kuxjenza dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza u l-fastidju kontra ġurnalisti u professjonisti oħra tal-media u l-ġlieda kontra dawn il-vjolenza u l-fastidju.
19. Ikompli jtejbu, b'mod partikolari permezz tar-riċerka, l-għarfien dwar ir-riskji potenzjali għall-professjonisti tal-media u l-aħjar prattiki li jistgħu jgħinu, b'mod partikolari b'rabta mal-ħarsien u s-sikurezza tagħhom f'żoni fejn hemm kunflitti armati.
20. Jappoġġaw inizjattivi u mekkaniżmi li għandhom l-għan li jtejbu s-sostenibbiltà ekonomika u finanzjarja tal-kumpanniji tal-media, fosthom dawk li jirriżultaw mit-traspożizzjoni tad-drittijiet relatati introdotti għall-pubblikaturi tal-istampa fid-Direttiva (UE) 2019/790¹⁵, u dawk li għandhom l-għan li jtejbu r-reklutaġġ ta' ġurnalisti u professjonisti oħra tal-media, u jwettqu studji dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019.
21. Jippromwovu inizjattivi u mekkaniżmi li jappoġġaw parteċipanti żgħażaġh u ġodda fis-suq tax-xogħol tal-ġurnalisti u l-professjonisti tal-media, kif ukoll ġurnalisti u professjonisti tal-media freelance u dawk li jaħdmu fil-media lokali u reġjonali, u b'hekk isahhulhom il-libertà li jinfurmaw.

¹⁵ Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92-125).

22. Jappoġġaw inizzjattivi u mekkaniżmi li jippromwovu l-iskambju u t-tiżni tal-aħjar prattiki professjonali, b'mod partikolari billi jqajmu kuxjenza qalb l-istudenti tal-ġurnaliżmu u tal-media dwar ir-riskji li jistgħu jiltaqgħu magħhom fil-karrieri futuri tagħhom u l-aħjar modi biex jindirizzawhom, u jippromwovu parteċipazzjoni akbar f'esperjenzi Ewropej sinifikanti matul l-istudji tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiskopru ambjenti differenti u prattiki varji ta' investigazzjoni u pubblikazzjoni.
23. Jinkoraġġixxu lis-settur jiżviluppa inizzjattivi u indikaturi għall-affidabbiltà tal-aħbarijiet u tal-kumpanniji tal-media, bħall-impjeg ta' ġurnalisti, verifikaturi tal-fatti u professjonisti oħra tal-media, bil-għan li jstimulaw il-pjattaformi u lil dawk li jirreklamaw biex juru responsabbiltà fil-partiċipazzjoni fid-disponibbiltà ta' informazzjoni affidabbli u perspettivi diversi.
24. Jieħdu l-impenn li jipproteġu l-ġurnalisti u professjonisti oħrajn tal-media madwar id-dinja fil-fora multilaterali rilevanti, f'relazzjonijiet bilaterali, fil-livell nazzjonali u f'inizzjattivi internazzjonali għall-protezzjoni tal-ġurnalisti u l-libertà ta' informazzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-protezzjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti u professjonisti oħra tal-media li jaħdmu f'żoni ta' kunflitt jew li ġejjin minnhom.
25. Jappoġġaw lill-ġurnalisti u professjonisti oħrajn tal-media li qed jistinkaw biex jirrappurtaw dwar kunflitti armati b'mod indipendenti u imparzjali, b'mod partikolari l-aggressjoni militari Russa li għaddejja kontra l-Ukrajna, u jinkoraġġixxu inizzjattivi li jippromwovu xogħolhom u t-tixrid ta' dan ix-xogħol, pereżempju taqsimiet dedikati fis-servizzi tal-media, b'mod partikolari bil-lingwa Ukrena.

26. Jappoġġaw ġurnalisti u professjonisti tal-media indipendenti eżiljati, partikolarment minn pajjiżi bħall-Ukrajna, il-Belarussja u l-Federazzjoni Russa, fid-dawl tas-sitwazzjonijiet individwali u r-raġunijiet għall-eżilju tagħhom. Dan l-appoġġ jista' jkun, fejn rilevanti, assistenza professjonali, finanzjarja, soċjali, amministrattiva jew legali, inkluż mis-settur privat, u jkollu l-għan li joħloq kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u jgħin biex tissokta l-attività professjonali tagħhom, pereżempju permezz ta' residenzi jew inizjattivi li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' impjieg.
27. Skambju dwar l-esperjenzi tal-Istati Membri dwar kif l-aħjar jintlaqgħu il-ġurnalisti u professjonisti oħrajn tal-media minn reġjuni milqutin minn kunflitti.
28. Jiskambjaw l-aħjar prattiki u jevalwaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet sal-2025.

Trattati tal-UE

- It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, partikolarment l-Artikolu 2 tiegħu: "L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."
- Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, partikolarment l-Artikolu 11 tagħha: "Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà ta' l-espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà ta' opinjoni u l-libertà li tirċievi jew tagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri."

Dokumenti tal-Kunsill

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika (2020/C 422/08)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bini ta' Strateġija Ewropea għall-Ekosistema tal-Industriji Kulturali u Kreattivi tal-4 ta' April 2022
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (2019/C 387/01)

Dokumenti tal-Kummissjoni

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Dwar il-pjan ta' azzjoni Ewropew għad-Demokrazija, COM/2020/790 final

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Midja tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni, COM/2020/784 final
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Ir-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, COM/2021/700 final
- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea

Dokumenti tal-Kunsill tal-Ewropa

- Rakkomandazzjoni CM/Rec(2016)4 dwar il-ħarsien tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti u atturi oħrajn tal-media
- Riżoluzzjoni dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti (2021)
- Rakkomandazzjoni CM/Rec(2022)4 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-promozzjoni ta' ambjent favorevoli għal ġurnaliżmu ta' kwalità fl-era diġitali

Dokumenti tan-Nazzjonijiet Uniti

- Riżoluzzjoni 2222 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar il-ħarsien tal-ġurnalisti u l-kwistjoni tal-impunità
- Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU A/C.3/76/1.a9/Rev1 "The safety of journalists and the issue of impunity"
- Rapport tal-OSKE 2021 "Violence against women journalists and politicians: a growing crisis"